MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2011

Citazzjoni Numru. 636/2010

**Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., detentur tal-karta tal-identita' numru 258269 ittra "M", bhala mandatarju specjali ta' Pfizer Products Inc., kumpannija estera registrata fl-Istat tal-Connecticut, b'indirizz ta' Eastern Point Road, Groton, Connecticut 06340, Stati Uniti tal-Amerika**

**vs**

**Dr. Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Gerald Bonello li b'digriet tat-13 ta' Awwissu 2010 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil HSB KONT.HAVA KARA TAS.HIZ. VE TEKS.DIS TIC.LTD.STI., b'indirizz ta' ESKILONDRA ASF. CD. NO.121 K2, GUNGOREN-ISTANBUL fit-Turkija**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tal-Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., detentur tal-karta tal-identita' numru 258269 ittra "M", bhala mandatarju specjali ta' Pfizer Products Inc. kumpanija estera registrata fl-Istat tal-Connecticut, b'indirizz ta' Eastern Point Road, Groton, Connecticut 06340, Stati Uniti tal-Amerika datat 24 ta' Gunju 2010 a fol. 1 tal-process fejn espona: -

Illi s-socjeta' attrici Pfizer Products Inc. hija proprjetarja ta' diversi *trademarks* in konnessjoni man-negozju taghha fi prodotti farmacewtici fosthom dawk dwar il-prodotti "VIAGRA", maghrufin sew madwar id-dinja nkluza Malta.

Illi b'hila u b'invenzjoni, kif ukoll b'hafna sagrificcju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti taghha, is-socjeta' attrici flimkien ma' kumpaniji ohra affiljati, kisbet reputazzjoni u avvjament enormi in konnessjoni mat--*trademarks* taghha dwar prodotti "VIAGRA".

Illi fost ohrajn, is-socjeta' attrici ghandha rregistrat f'Malta t-*trademark* bin-numru ta' registrazzjoni 40581 (rapprezentazzjonijiet tridimensjonali tal- pillola VIAGRA, kulur blu), u dan dwar *cardiovascular preparations and pharmaceutical preparations for the treatment of sexual dysfunction*.

Illi s-socjeta' attrici hija "detentrici ta' dritt" ghall-iskopijiet tal-*Council Regulation (EC) No 1383/2003 concerning customs action against goods suspected of infringing certain intellectual property rights and the measures to be taken against goods found to have infringed such rights* u tal-Att Dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) [**Kapitolu erba' mija u erbatax (414) tal-Ligijiet ta' Malta]** biex b'hekk, b'applikazzjoni tal-**artikolu ghaxra (10) tal-istess *Council Regulation (EC) No 1383/2003*,** tgawdi mill-protezzjoni moghtija *inter alia* fid-disposizzjonijiet rilevanti tal-**artikoli tnejn (2) subartikolu wiehed (1) paragrafu "a", erbgha (4) u tmienja (8) subartikolu wiehed (1) tal-istess Kap. 414.**

Illi recentement, waqt l-iskrutinji taht xi wahda mill-proceduri doganali msemmija fl-Artikolu wiehed (1) subartikolu wiehed (1.) tal-*Council Regulation (EC) No 1383/2003* u fl-**artikolu erbgha (4) tal-istess Kap 414** hawn qabel imsemmija, il-Kontrollur tad-Dwana issosspenda r-rilaxx tal-*container* TGHU 8439297 kontenenti fost ohrajn kwantita' ta' prodotti farmacewtici konsistenti f'pakketti li ghandhom fuqhom pilloli kulur blu u fil-forma ta' djamant, liema prodotti waslu fil-port hieles ta' Malta waqt procedura ta' trasbord ghar-rilaxx eventwali favur *consignee* ndikata fuq il-polza tat-tghabija relattiva bhala HSB KONT.HAVA KARA TAS.HIZ. VE TEKS.DIS TIC.LTD.STI., b'indirizz ta' ESKILONDRA ASF. CD. NO.121 K2, GUNGOREN-ISTANBUL fit-Turkija, u l-istess Kontrollur tad-Dwana nforma lis-socjeta' attrici dwar din is-sejba f'cirkustanzi suspetti, sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta' drittijiet dwar proprjeta' intellettwali.

Illi s-socjeta' attrici giet mgharrfa bis-sejba fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Mejju elfejn u ghaxra (2010) u, wara li ezaminat ritratti elettronici ta' kampjuni ta' dawn l-oggetti kif ukoll l-istess kampjuni, ikkonfermat lill-istess Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oggetti falsifikati. Minn naha tieghu, il-Kontrollur tad-Dwana ghadda lis-socjeta' attrici kopja ta' dokument relattiv ghal dan il-kaz intitolat *DRAFT BILL OF LADING* bir-referenza IN1565842 fejn, fil-kaxxa relattiva ghall-*consignee* hemm indikata HSB KONT.HAVA KARA TAS.HIZ. VE TEKS.DIS TIC.LTD.STI., ta' ESKILONDRA ASF. CD. NO.121 K2, GUNGOREN-ISTANBUL fit-Turkija.

Illi effettivament allura, l-oggetti lkoll mertu ta' din il-vertenza, li l-Kontrollur tad-Dwana ndika bhala b'kollox *122 cartons containing 580,200 blue diamond shape tablets*, jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta' intellettwali tas-socjeta' attrici *stante* li falsifikati. Ghal dan il-kaz japplikaw ukoll *inter alia* u oltre d-disposizzjonijiet ta' ligi ndikati fil-paragrafu numru erbgha (4) ta' dan ir-rikors guramentat, id-disposizzjonijiet rilevanti tal-artikoli ghaxra (10) u erbatax (14) sa dsatax (19) tal-Att tal-elfejn (2000)

Dwar it-*Trademarks* [Kapitolu erbgha mija u sittax (416) tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta’ Malta].

Illi l-Kontrollur tad-Dwana pprefigga terminu sal-erbgha u ghoxrin (24) ta’ Gunju elfejn u ghaxra (2010) inkluz, sabiex is-socjeta’ attrici taghtih prova li nbdew l-opportuni procedimenti gudizzjarji civili li jwasslu ghal decizjoni sostantiva dwar il-merti tal-kaz.

Illi l-esponent *nomine* jaf personalment bil-fatti hawn kollha dikjarati.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` rikorrenti talbet lis-socjeta` intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-oggetti u cioe’ kwantita’ ta’ prodotti farmacewtici konsistenti f’pakketti li ghandhom fuqhom pilloli kulur blu u fil-forma ta’ djamant, liema oggetti kollha jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita’ tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-*container* TGHU 8439297 kien fih l-imsemmija oggetti fost ohrajn, jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta’ intellettwali tas-socjeta’ attrici *stante* li falsifikati.

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti ’l hinn mill-kanali tal-kummerc b’dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjeta’ attrici jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti, f’kull kaz minghajr ebda kumpens lill-, u ghas-spejjez tal-konvenuta.

3. Tiehu, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawk l-oggetti, kull mizura ohra li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-konvenuta mill-beneficcji ekonomici tat-transazzjoni.

4. Tordna li l-konvenuta ghandha tbati l-ispejjez ’l ohra kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni u tat-tielet talbiet attrici.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa’ minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat l-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti u mmarkati minn Dok “A” sa Dok. “H” kif jidhru a fol. 6 sa fol. 51 tal-process.

Rat id-digriet datat 13 ta’ Awwissu 2010 fejn gew nominati l-kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-intimat.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh minn din il-Qorti biex tinstema’ fis-seduta tat-2 ta’ Dicembru 2010, b’dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` attrici sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dak inhar stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura ta’ l-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b’riserva ta’ kontro-ezami.

Rat ir-risposta mahlufa tal-kuraturi deputati datata 22 ta’ Settembru 2010 a fol. 68 tal-process fejn esponew:-

1. Illi f’ dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirrizervaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw mas-socjeta` minnhom rapprezentata u f’ dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti tipprovdilhom kull informazzjoni li jista’ ghandha dwar kull mezz ta’ komunikazzjoni mas-socjeta` intimate, u dan jekk ghandha informazzjoni ohra, *oltre* dik diga` provduta fir-rikors guramentat.

Rat il-lista tax-xhieda esebita tal-kuraturi deputati.

Rat in-nota tal-Avukat Dr. Luigi A. Sansone datata 23 ta’ Settembru 2010 li permezz taghha pprezenta tliet dokumenti (fol 69).

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti fit-2 ta’ Dicembru 2010 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Luigi Sansone ghas-socjeta` attrici li ddikjara li m’ghandux aktar provi. Deher Dr. Anthony Cutrajar li pprezenta dokument u

rrimetta ruhu ghall-atti. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-11 ta’ Jannar 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi jirrizulta li s-socjeta’ attrici ghandha validament irregistrat f’Malta t-*trademark* bin-numru ta’ registrazzjoni 40581 (rapprezentazzjonijiet tridimensjonali ta’ pinnola VIAGRA, kulur blu), u dan dwar *cardiovascular preparations and pharmaceutical preparations for the treatment of sexual dysfunction*.

Illi s-socjeta’ attrici giet mgharrfa bis-sejba u wara li ezaminat ritratti elettronici ta’ kampjuni ta’ dawn l-oggetti, ikkonfermat lill-istess Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oggetti kontraffatti li jikkontravvjenu d-drittijiet taghha dwar proprjeta’ intellettwali u dan kif jirrizulta mill-ezamijiet li saru (Dok. “E”), u ghalhekk l-pretensjonijiet attrici gew ilkoll ippruvati u fil-fatt ma humiex bl-ebda mod kontradetti.

Illi dwar l-ispejjez sabiex jigu distrutti l-istess oggetti dawn jinkludu dawk ukoll indikati fl-affidavit tal-imsemmija Ufficjal tad-Dwana George Agius a fol. 31 - 33 tal-process u ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha kif hawn deciz.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati in kwantu l-istess huma b’xi mod inkompatibbli mal-istess, u filwaqt li **tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba attrici, tilqa’ t-talbiet attrici l-ohra fis-sens hawn deciz** b’dan illi:-

1. Tiddikjara li l-oggetti u cioe’ kwantita’ ta’ prodotti farmacewtici konsistenti f’pakketti li ghandhom fuqhom

pilloli kulur blu u fil-forma ta’ djamant, liema oggetti kollha jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita’ tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-*container* TGHU 8439297 kien fih l-imsemmija oggetti fost ohrajn, jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta’ intellettwali tas-socjeta’ attrici *stante* li falsifikati.

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta’ disghin (90) gurnata mid-data ta’ din id-decizjoni jiddistruggi dawk l-oggetti, f’kull kaz minghajr ebda kumpens lill-, u ghas-spejjez tal-konvenuta.

3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ din it-talba *stante* dak provdut fit-tieni talba tal-azzjoni attrici.

4. Tordna li l-konvenuta ghandha tbati l-ispejjez ’l ohra kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni u tat-tielet talbiet attrici.

Bl-ispejjez kontra l-entita`/ socjeta` konvenuta b’dan li l-kuraturi deputati jithallsu skont il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------